**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2024

Rikors Ġuramentat: 275/17 AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors maħluf ta' A B[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*1. Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) fl-atti*

[1] Fol. 1.

*tan-Nutar Nicholas Vella, li qed jigi anness u markat bhala 'Dokument A'.*

*2. Illi f'dan il-kuntratt gie pattwit fost ohrajn li l-esponent kellu jhallas lill-intimata s-somma ta' hamsa u tletin liri Maltin (LM 35) fil-gimgha ekwivalenti ghal wiehed u tmenin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€81.52c) bhala manteniment ghall-konvenuta, liema somma tawmenta kull sena skont iz-zidiet ghall-gholi tal-hajja, u dan kif jirrizulta ahjar mill- klawsola numru sebgha (7) tal-imsemmi kuntratt.*

*3. Illi din ir-retta alimentarja, kif issa mizjuda wkoll skont l-indici tal-gholi tal-hajja b'mod li zdiedet drastikament u ser tkompli tizdied, hi wahda ezorbitanti, u qed tigi kagunata tbatija kbira lir-rikorrent, billi l-qaghda finanzjarja tieghu tbiddlet radikalment ghall-aghar mill-iffirmar ta' tali kuntratt, b'tali mod li l-istess rikorrent ma jistax ihallas aktar din ir-retta alimentarja.*

*4. Illi wkoll ir-rikorrent qieghed borded out u b'hekk l-uniku dhul tieghu huwa l-beneficcju socjali percepit mill-Istat.*

*5. Illi l-manteniment jithallas skont il-mezzi ta' min qed jissomministrah, u skont il-bzonnijiet ta' min jircevih, u dan il-kriterju m'huwiex qed jigi rispettat fil-kaz odjern.*

*6. Illi ghaldaqstant il-ftehim kif kontenut fil-klawsola numru 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella jigi modifikat, billi r-rikorrent jinheles mill-obbligu tieghu li jmantni izjed lill-intimata, jew jekk din l-Onorabbli Qorti tichad din it-talba, li l-obbligu tar-rikorrent li jissomministra manteniment lill-intimata jigi ridott.*

*7. Illi l-intimata giet interpellata sabiex tersaq ghal ftehim dwar dak sudett izda inutilment, u għalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*8. Illi r-rikorrent gie debitament awtorizzat sabiex jintavola din il-kawza skont ma jirrizulta mid-digriet anness u markat bhala Dokument B.*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:*

*1) Tiddikjara u tiddeciedi illi hemm ragunijiet għala l-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata ghandu jieqaf;*

*2) F'kaz illi l-ewwel talba tigi michuda, tiddikjara li hemm ragunijiet għala l-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata għandu jigi mnaqqas;*

*3) Tordna ghaldaqstant it-twaqqif ghal kollox jew it-tnaqqis tal-manteniment pagabbli mir-rikorrent lill-intimata skont il-kaz, u konsegwentement tvarja l-klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt fuq imsemmi f'dan is-sens;*

*4) Taghti kull provvediment necessarju u opportun f'dan ir-rigward;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] ta' C B fejn ġie eċċepit:

*Illi preliminarjament, jinghad illi fil-15 ta' Novembru 2011, ir-rikorrent kien intavola rikors ghal divorzju fliema huwa kien iddikjara u ppremetta illi m'hemm l-ebda kwistjoni fuq il-manteniment; tant li huwa anke ottjena d-divorzju b'digriet tat-18 t'April 2012;*

[2] Fol. 34.

*Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qatt ma ddekadiet mid-dritt taghha li tkompli titlob u tippercepixxi manteniment minghand zewgha u għalhekk ukoll it-talbiet ta' zewgha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih;*

*Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'zieda mal-istess bejn il-partijiet japplika l- principju tal-pacta sunt servanta. Bir-rispett kollu dovut lejn ir-rikorrent, il-partijiet iffirmaw il- kuntratt ta' separazzjoni taghhom ghax kienu kuntenti jaghmlu dan u fl-ebda mument ma gie rriservat id-dritt ta' wiehed jew wahda mill-partijiet li jirrevedu l-manteniment, salv ghall-gholi tal- hajja kif gja spjegat;*

*Illi subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt illi l-esponenti taqbel ma' l- ewwel zewg paragrafi, tar-rikors guramentat, ma taqbilx ma l-allegazzjonijiet u l pretensjonijiet fil-paragrafi l-ohra stante li huma inveritieri u nfondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent tirriserva li tressaq xhieda in sostenn.*

*Illi ghalhekk l-esponenti topponi ghat-talbiet kollha hekk kif esposti fir-rikors guramentat, u dana a bazi tas-segwenti:*

*1. Illi l-esponenti topponi ghall-ewwel talba tar-rikorrent u dana l-ghaliex mhux minnu illi jezistu ragunijiet validi ghalfejn il-manteniment tal-esponenti u fi kwalunkwe kaz hi qatt ma ddekadiet ma ddekadiet mid-dritt taghha li tkompli titlob u tippercepixxi manteniment minghand zewgha;*

*2. Illi l-esponenti qed topponi wkoll ghat-tieni talba tar-rikorrent u cioe` illi l-manteniment taghha għandu jitnaqqas u dana l-ghaliex, fl-ewwel lok mhux minnu li c-cirkostanzi tar- rikorrent marru ghall-aghar, u fit-tieni lok l-esponenti llum il-gurnata hija mara ta' certa eta` u ghalhekk huwa prattikament impossibbli li hija ssib impjieg;*

*3. Illi konsegwentement l-esponenti qieghda wkoll topponi ghat-tielet u raba' talbiet attrici u dana stante illi kif ser jirrizulta mill-provi, ma jezistux ragunijiet validi u ammissibli fil-ligi ghalfejn is-seba' klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet għandha tigi varjata;*

*4. Finalment, l-esponenti qed topponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta;

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 2017[3] fejn l-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu bil-kawża legali fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci[4], ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-Qorti akkordat[5] lid-difensur tal-attur erba' ġimgħat żmien sabiex jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet, bil-*visto* tal-*kontro-parti* li jkollha erba' ġimgħat żmien biex tippreżenta n-nota responsiva tagħhom;

Rat illi l-attur ma ppreżentax in-nota fiż-żmien li ngħata għal dan l-iskop;

Rat li l-konvenuta ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha;[6]

---

[3] Fol. 10.

[4] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tad-29 ta' Novembru 2018 sabiex tissostitwixxi lill-Assistent Ġudizzjarju Dr Greta Mifsud Agius li kienet maħtura għal l-istess skop nhar l-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2018 iżda li ma kinitx żammet seduti.

[5] Nhar l-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2023, a fol. 2697.

[6] Fol. 2698

Rat li l-attur ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fit-28 ta' Awwissu 2023[7], wara dik tal-konvenuta;

Rat ir-rikors tal-konvenuta għall-isfilz tan-nota peress li din ġiet intavolata *fuori termini*;

Rat id-digriet fuq l-istess  permezz ta' liema l-Qorti `a]det it-talba g]all-isfilz;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni odjerna:**

Il-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bonarja, bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-8 ta' Ottrubru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella[8]. Minn dan il-kuntratt jirriżulta, fi klawżola 7, illi l-attur obbliga ruħu li jħallas lill-konvenuta s-somma ta' ħamsa u tletin liri Maltin (LM 35) fil-ġimgħa ekwivalenti għal wieħed u tmenin Ewro u tnejn u ħamsin ċentenżmu (€81.52) bħala manteniment għall-konvenuta, liema somma tawmenta kull sena skont iż-żidiet għall-għoli tal-ħajja.

Permezz tal-vertenza odjerna l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddeċiedi li l-manteniment pagabbli lill-konvenuta għandu jieqaf u f'każ li din it-talba tiġi miċħuda tiddikjara li hemm raġunijiet li dan jiġi mnaqqas *stante* li l-ammont ta' manteniment kif żdied bl-għoli tal-ħajja jġib somma eżorbitanti

[7] Fol. 2712.

[8] Kopja ppreżentata mar-rikors ġuramenta a fol. 5.

u qed jikkaġuna tbatija kbira lill-attur li allegatament inbidlitlu radikalment il-qagħda finanzjarja tiegħu mill-iffirmar tal-kuntratt.

Il-konvenuta minn naħa tagħha qed topponi għall-varjazzjoni tas-seba' (7) klawżola tal-kuntratt u tgħid illi l-manteniment la għandu jitnaqqas u wisq inqas jieqaf għaliex skont hi qatt ma ddekadiet mid-dritt tagħha li tkompli titlob u tipperċepixxi manteniment mingħand l-attur u li mhux minnu li ċ-ċirkostanzi tal-attur marru għall-agħar b'dak illi ma jistax iħallas ir-retta alimentari miftehma.  Tgħid ukoll li llum il-ġurnata hija mara ta' ċerta età u għalhekk prattikament impossibbli għaliha li ssib impjieg.

2. **Provi mressqa mill-Partijiet f'dan ir-rigward:**

Il-Partijiet ressqu diversi provi fil-każ odjern u l-Qorti ser tgħaddi biex tagħti elenku tat-tali provi.

a. L-attur ressaq is-segwenti provi:

L-attur jippreżenta l-affidavit tiegħu[9] u jispjega illi huwa ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni ma' martu fejn obbliga ruħu illi

*Jħallas is-somma kumplessiva ta' ħamsa u tletin lira maltin (Lm35) fil-ġimgħa lill-mara bħala manteniment kemm għaliha u kif ukoll għat-tifel, ossia s-somma ta' żewġ liri maltin (Lm2) fil-ġimgħa għall-mara u s-somma ta' tlieta u tletin lira maltin (Lm33) fil-ġimgħa għat-tifel*[10]

liem manteniment jiżdied kull sena *ai termini* tal-indiċi tal-ogħli tal-ħajja.  Jgħid li dak iż-żmien li ffirrma l-kuntratt kien jaħdem ġo barriera l-Imqabba u kellu introjtu ta' madwar sebgħin Lira Maltin (Lm70) wara li jinqatgħu l-ispejjeż relatati max-xogħol. Jgħid li anke dak iż-żmien kien iħoss li l-manteniment f'dawk

---

[9] Fol. 125.

[10] Klawżola numru 7 tal-kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 8 ta' Ottubru 1999.

l-ammonti kien ta' piż kbir fuqu u maż-żmien ix-xogħol beda jonqos tant li jgħid li wasal f'pożizzjoni li ta' kull ġimgħa kien jispiċċa b'ċirka ħmistax-il Lira Maltin (Lm15) biss f'idu u dan peress illi jgħid illi mill-ħamsin Lira Maltin (Lm50) illi beda jipperċepixxi kien għadu qed iħallas il-manteniment fuq ċitat. Jgħid li dan il-piż iktar żdied meta kellu jieqaf jaħdem minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Jgħid illi meta waqaf jaħdem ma kellu introjtu ta' xejn u kien jgħix minn dak li rnexxielu jfaddal meta kien jaħdem. Għalkemm ma kienx tal-età tal-pensjoni jgħid li ma setax isib xogħol minħabba s-saħħa tiegħu. Jisħaq li hu kien qed jgħaddi somom kbar lill-konvenuta u hu ma jibqalux għaxja ta' lejla u beda jiċċaħħad mill-bżonnijiet bażiċi tiegħu. Jispjega li ssottometa talba lill-Bord mediku iktar minn darba għaliex il-Bord ma laqax mill-ewwel it-talba tiegħu. Filfatt jgħid li t-talba tiegħu ġiet milqugħa ħames snin ilu.

Jispjega allura illi l-introjtu tiegħu issa kien jammonta għal mija u ħamsa u erbgħin Ewro (€145) fil-ġimgħa u kien qed iħallas lill-konvenuta mija u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€120.33) bħala manteniment.[11] Huwa jżid li jħallas ukoll Ewro kull darba li jibgħat manteniment lill-konvenuta, jiġifieri kull ġimgħa. Jgħid illi wara li jinqatgħu l-ispejjeż kollha, inkluż manteniment huwa jifdallu ċirka ħamsa u għoxrin Ewro (€25) fil-ġimgħa f'idejh. Huwa jgħid li b'dan l-ammont ma jistax jgħix u jħallas il-kontijiet u l-affarijiet ta' kuljum. Huwa jħoss li filwaqt li martu qed tgħix ħajja lussuża huwa lanqas jista' jlaħħaq mal-bżonnijiet bażiċi tiegħu. Huwa jgħid li ser jagħlaq tnejn u sittin (62) sena fis-6 ta' Diċembru u li għajr il-benefiċċju soċjali huwa ma għandu l-ebda introjtu ieħor filwaqt li l-konvenuta tibqa' tirċievi manteniment mingħandu meta tista' tirċievi l-benefiċċji soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

---

[11] Skont ittra datata 6 ta' Marzu 2019 li jippreżenta fejn l-avukat difensur tal-konvenuta tinterpellah jibda jħallas dan l-ammont kif żdied bir-reviżjoni tal-Indiċi tal-Ogħli tal-ħajja.

Jippreżenta t-tieni affidavit tiegħu[12] u jgħid illi hu jgħix waħdu u m'għandux relazzjoni. Jgħid li ma jixtieqx li jiġi dipendenti fuq ħadd u għalhekk ix-xewqa tiegħu hi li jibda jabita ġo *home* però dan ma huwiex possibbli għaliex huwa qed jgħix b'ħamsa u għoxrin Ewro (€25) fil-ġimgħa wara li jinqata' l-manteniment mill-pensjoni li jipperċepixxi. Jgħid illi martu hekk qed tirċievi s-somma ta' ħames mija u sittin Ewro (€560) fix-xahar mill-pensjoni tiegħu filwaqt li hu jkollu jgħix b'mitt Ewro (€100) fix-xahar. Jikkonkludi għalhekk illi hu qatt ma hu ser ikun eliġibbli biex jidħol f'*home* għaliex l-maġġoranza tal-pensjoni tittieħed kif spjegat.

Jixhed imbagħad in *kontro-eżami* fis-16 ta' Frar 2021[13] fejn jgħid li issa huwa għandu tlieta u sittin (63) sena u huwa pensjonant. Jispjega li dan wara li kien ġie *boarded out* iżda ma jiftakarx eżatt meta kien seħħ dan. Kien *boarded out* għax "*kelli ħafna affarijiet li ma nistax naħdem, u anke affarijiet mentali*".[14] Jikkonferma li jgħix il-Qrendi ġo garaxx li huwa proprjetà tiegħu u li għandu żewġ appartamenti minbarra l-garaxx. Ġewwa appartament wieħed kien jgħix it-tifel, li iżda issa telaq, u fl-ieħor tgħix it-tifla. Huwa jgħid li ma jikri l-ebda wieħed minnhom u li fejn kien jgħix it-tifel issa vojt. Jgħid li t-tifel kien telaq mill-appartament madwar tlieta, erba' snin qabel wara li kellhom xi jgħidu u t-tifel tradih u fil-fatt qiegħed il-Qorti miegħu fuq każ li għandhom bejniethom.

Mistoqsi dwar inġenji li kellu li bihom kien jaħdem fil-barriera jgħid li dawn kienu trakk li jġorr it-terrapien fih u magna li tgħaddi l-ġebel. Fil-barriera kien jaħdem bi ftehim bil-vieg. Huwa kkonferma illi għandu karozza tat-tip *Mercedes* tas-sena 2003 li għandha tmintax-il (18) sena u karozza tad-ditta *Peugeot* li kien ilu li xtraha tletin (30) sena. Jgħid li lanqas għad-*diesel* m'għandu biżżejjed flus. Huwa jispjega li għandu introjtu biss ta' sitt mija u sebgħin Ewro (€670) fix-xahar u

[12] Fol. 136.
[13] Traskrizzjoni a fol. 1867.
[14] Fol. 1868.

apparti dawk la jieħu l-ebda benefiċċju ieħor u lanqas ma jagħmel l-ebda tip ta' xogħol.

Jikkonferma fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022[15] li ilu ma jħallas manteniment u li kemm-il darba tela' quddiem il-Qorti kriminali minħabba dan fejn hu dejjem jgħid illi ma għandux biex iħallas. Mistoqsi dwar xi żwiemel għandu, jgħid li dawn m'humiex tiegħu u jmur jgħaddi l-ħin ma' dawn iż-żwiemel meta ma jkollux x'jagħmel u jerġa' jikkonferma li l-unika dħul tiegħu huwa mill-pensjoni għaliex ma jagħmel l-ebda xogħol ieħor. Mistoqsi[16] dwar id-dħul mill-investimenti ma' *Calamatta Cuschieri* illi bejn is-sena 2006 u 2020 kien jammonta għal mija u tlieta u għoxrin elf disa' mija sitta u disgħin Ewro (€123, 996) huwa jgħid illi madwar tliet snin ilu huwa kien ħareġ dawn l-investimenti għaliex ma kellux biex jgħix u jħallas manteniment u prova jinvestihom fi proġett mat-tifel iżda kellu xi jgħid miegħu u fil-fatt qiegħed f'kawża mat-tifel fuq dan. Huwa jispjega illi jgħix ġo garaxx fejn fih għandu s-servizzi tad-dawl u l-ilma u hu ma jgħix ġol-post il-battal għax hemm kwistjoni mat-tifel fuqu l-Qorti u l-post huwa xorta waħda mingħajr għamara. Jgħid illi għal dawn ir-raġunijiet huwa ma jistax jikrih. Minbarra l-pensjoni jgħid li jieħu xi ħaġa fix-xahar bħala benefiċċji tal-mard.

Fil-mori tressqu s-segwenti xhieda u dokumentazzjoni minn naħa ta' l-attur:

*i.* *<u>Ix-xhieda ta' Ivan Cilia in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali</u>,*[17] li jixhed dwar l-ammonti li pperċepixxew iż-żewġ partijiet fl-aħħar ħames snin. Huwa jippreżenta dokument immarkat bħala **Dok. IC**[18] li juri l-ammonti li pperċepixxa l-attur

[15] Fol. 2519.
[16] Seduta tal-15 ta' April 2021, xhieda tal-attur in kontro eżami, a. Fol 1933.
[17] Seduta tas-27 ta' Marzu, a. fol. 61.
[18] Fol. 48.

bejn l-2014 u l-2019 u **Dok. IC 1**[19] li juri l-ammonti li rċeviet il-konvenuta bejn l-2014 u l-2019.

Huwa jispjega li l-attur kien jirċievi pensjoni tal-invalidità wara li għadda Bord Mediku. Minn l-2018 beda mbagħad jieħu *two thirds pension* u spiċċat il-pensjoni tal-invalidità li hija fuq bażi kontributorja. Il-konvenuta minn naħa l-oħra llum tipperċepixxi *energy benefit*_u għajnuna medika. L-*energy benefit* tikkwalifika għalih għaliex id-dħul tagħha ma jeċċedix disgħat elef u tliet mitt Ewro (€9,300) fis-sena u jittieħed bħala *rebate* fuq il-kont ta' wara. L-għajnuna medika teħodha għaliex ikollha kundizzjoni medika u tgħaddi mill-Bord mediku imbagħad tgħaddi mill-mezzi tal-ġimgħa u mill-mezzi kapitali u tkun tista' tapplika għall-*medical assistance*. Fil-każ tal-konvenuta huwa jixhed li l-ammont inħadem fuq id-dħul tagħha mill-manteniment għaliex prattikament dak kien l-unika dħul tagħha. Jgħid li tieħu wkoll is-supplimentari fl-ammont ta' tletin Ewro (€30) kull tliet xhur li jittieħed ukoll għaliex ma tkunx teċċedi dħul ta' ċertu ammont. Huwa jippreżenta dokument immarkat bħala **Dok. IC 2**[20] li huwa tabella ta' *workings* tal-benefiċċju riċevut.

Fir-ri-eżami x-xhud jispjega illi li kieku ma tirċevix manteniment mingħand ir-raġel ikollha d-dritt li tapplika għal għajnuna soċjali jew pensjoni tal-età jekk teċċedi s-sittin sena u la darba tingħata dawn, tkun eliġibbli għal għajnuna medika awtomatikament. F'każ li ma tirċevix manteniment mingħand l-attur, ix-xhud jikkonferma illi tkun eliġibbli għal pensjoni mhix kontributorja.

L-istess xhud ri-prodott[21] jippreżenta s-segwenti dokumenti: kopja ta' applikazzjoni għall-pensjoni tal-

[19] Fol. 54.
[20] Fol. 60.
[21] Seduta tat-22 ta' Mejju 2019, a fol. 73.

invalidità magħmula mill-attur, dokument immarkat bħala **Dok. IC3**[22]; kopja ta' applikazzjoni għall-għajnuna tal-mard tal-konvenuta, dokument immarkat bħala **Dok. IC4**[23]; tabella tar-rati ta' benefiċċju mhux kontributorju għal persuna weħedha, dokument immarkat bħala **Dok. IC5**[24]; tabella tispjega *overpayments* li ħadet il-konvenuta, dokument immarkat bħala **Dok. IC6**[25]; tabella oħra li tispjega l-*overpayment* tal-għajnuna soċjali lill-konvenuta (28-11-2009 sa 21-01-2011), dokument immarkat bħala **Dok.IC7**[26]; u tabella ohra li tispjega l-*overpayment* tal-għajnuna soċjali lill-konvenuta (27/03/2004 sa 24/03/2006) dokument immarkat bħala **Dok. IC8**[27].

Huwa jixhed li kif jidher f'Dok. IC 5, f'każ li l-konvenuta tiġi eliġibbli tapplika għall-pensjoni ta' l-età mhux kontributorja r-rata ta' *single person* tkun ta' mija u erbatax-il Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€114.18) fil-ġimgħa.  Dwar dokumenti Dok. IC6-8, huwa jispjega illi hemm żewġ istanzi fejn saru *overpayments* u dan kien għas-snin 2009-2011 u 2004-2006.  Il-konvenuta kienet bdiet tirċievi manteniment u allura kull ħaġa li ħadet minn għajnuna soċjali eċċediet l-iskala tagħha.  Dawn inġabru u qiegħdin jinqatgħu bir-rata ta' 30% u 50% rispettivament.  Dok. IC 7 juri sebgħa mija u sitt Ewro u tmien ċenteżmi (€706.08) *overpayments* għall-perjodu minn Novembru 2009 sa Jannar 2011.  Dok. IC 8 juri l-*overpayments* għall-perjodu minn Marzu 2004 sa Marzu 2006.

L-istess xhud ri-prodott fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2019[28] jippreżenta tliet dokumenti oħra; notamenti għas-sena

[22] Fol. 74.
[23] Fol. 88.
[24] Fol. 95.
[25] Fol. 97.
[26] Fol. 98.
[27] Fol. 99.
[28] Fol. 109.

2006, dokument mmarkat bħala **Dok. IC9**[29]; notamenti tas-sena 2009, dokument immarkat bħala **Dok. IC10**[30] u notamenti tas-sena 2011, dokument immarkat bħala **Dok. IC11**[31]. Huwa jispjega li kif jidher f'Dok IC9, il-kuntratt ta' separazzjoni kien jgħid li kif il-minuri tal-partijiet jagħlaq tmintax-il sena (18), il-manteniment ta' ħamsa u tletin Lira Maltin (Lm35) fil-ġimgħa tinqaleb fuq il-mara. Id-Dipartiment ma kienx induna b'dan il-fatt u għalhekk ma kienx induna li kienet teċċedi l-iskala. Peress li dan kien żball tad-Dipartiment huwa jispjega li ġabru biss l-*overpayments* tal-aħħar sentejn, skont Artikolu 102 tal- Kap 318. Dan kien jammonta għal *overpayment* ta' ċirka ħamest elef seba' mija u tmenin Ewro (€5,780). Il-konvenuta mbagħad reġgħet bdiet tingħata l-benefiċċji għaliex reġgħet applikat fis-27 ta' Frar 2009 kif jidher fin-notamenti f'Dok. IC10. Hija bdiet tingħata erbatax-il Ewro u tletin ċenteżmu (€14.30) fil-ġimgħa. Hija mbagħad infurmat lid-Dipartiment li l-manteniment kien żdied (data 18 ta' Jannar 2011) għal mija u żewġ Ewro u erbatax il-ċenteżmu (€102.14) u għalhekk kienet eċċediet l-iskala u għalhekk inħadem it-tieni *overpayment* ta' seba' mija u sitt Ewro (€706) kif jidher f'Dok. JC 11 u twaqqfilha l-għajnuna soċjali.

ii. *<u>Ix-xhieda tal-konvenuta</u>* [32] fejn hija tgħid li kellha l-età ta' tnejn u erbgħin (42) sena meta sseparat minn ma' l-attur u li hu qatt ma ħalliha taħdem. Hija tikkonferma illi minn meta sseparaw meta t-tfal tal-partijiet kellhom tnax-il (12) sena u sbatax-il (17) sena hija qatt ma ħadmet. Hija tgħid li kien iddettalha hu anke meta kibru t-tfal li ma jridhiex taħdem. Wara s-separazzjoni tgħid li wkoll ma ħallihiex taħdem u qalilha li hu jieħu ħsiebha. Dak iż-żmien kien jaħdem fil-barriera u hi ma għamlet l-ebda sforz biex toħroġ taħdem għaliex tinsisti li hu ma

[29] Fol. 110.
[30] Fol. 113.
[31] Fol. 115.
[32] Seduta tad-29 ta' Novembru 2019 a fol. 137.

ħallihiex. Tgħid illi hija tirċievi s-somma ta' mija u għoxrin Ewro (€120) fil-ġimgħa bħala manteniment. Hi tkompli li tirċievi wkoll għajnuna supplimentari li minnha jitnaqqas ammont għaliex għandha tati lura lid-Dipartiment għaliex tgħid li l-konvenut għamel rapport falz fuqha u tgħid li bħala introjtu għandha "*twenty nine ewro kull tliet xhur; seventy four fix-xahar tal-mard; il-karta r-roża u s-sussidju tad-dawl u l-ilma*"[33] u li minnu jaqtawlha "*kull tliet xhur minn fifty nine xi haġa jaqtghu xi thirty jew...qrib it-thirty ha nkun hekk halli nkun ezatt, minn fifty nine ta' kull tliet xhur supplimentari. U minn one żero five xi haġa cents qed indahhal seventy four*."[34]

b. Il-konvenuta ressqet is-segwenti provi:

Il-konvenuta tixhed permezz ta' affidavit[35] illi hija għandha l-età ta' tlieta u sittin (63) sena u residenti ġewwa 10, Triq il-Warda, Qrendi. Hija tgħid li ssofri mill-kundizzjoni tal-*kikuchi disease* u li ilha ssofri minn din il-kundizzjoni sa mill-età ta' ħamsa u tletin (35) sena. Tispjega li b'din il-kundizzjoni saħħitha taqleb f'daqqa. Hija tgħid li l-attur kien insista li hija tieqaf taħdem meta jkollhom it-tfal u fil-fatt meta kellhom l-ewwel wild u hija kellha tlieta u għoxrin (23) sena hija waqfet taħdem u minn dak iż-żmien dejjem baqgħet mara tad-dar. Hija tgħid li tħossha żvantaġġjata għaliex issa għandha l-età u din il-kundizzjoni medika u ilha li qatgħet mid-dinja tax-xogħol u għalhekk mhix indipendenti. Tgħid li issa huwa diffiċli ħafna għaliha li tirritorna fid-dinja tax-xogħol.

Hija tkompli li minn naħa l-oħra, l-attur jgħix f'kundizzjonijiet tajbin ħafna fil-garaxx li hu jirrisjedi u għandu hemm il-kumditajiet kollha fosthom kċina, kamra tas-sodda, kamra tal-banju, *appliances* u *television* fost l-oħrajn. Tgħid li hu għażel li jgħix fil-garaxx biex jikri l-appartamenti.

---

[33] Fol. 145.
[34] Fol. 145.
[35] Fol. 1889.

Tispeċifika illi fis-16 ta' April 2020 l-attur beda jonqos milli jagħtiha s-somma dovuta u beda jħallasha biss is-somma ta' mija u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€120.33) kull erba' ġimgħat li jiġu madwar tletin Ewro (€30) fil-ġimgħa mingħajr ebda ordni ta' Imħallef. Hija tgħid li kull darba qed tagħmel rapport ġewwa l-għassa taż-Żurrieq dwar dan u tippreżenta r-rapporti immarkati bħala **Dok. A**[36] ma' l-affidavit tagħha.

Tkompli li l-attur għandu żewġ appartamenti fuq il-garaxx li jgħix fih u żewġ karozzi tat-tip *Mercedes Benz* tas-sena 2003 u *Peugeot 405* tas-sena 1991. Magħdud ma' dan huwa kien silef lit-tifel sebgħin elf Ewro (€70,000) biex dan ikun jista' jixtri trakk u jġorr it-terrapien u għalhekk tgħid li żgur għandu mezzi biex iħallas il-manteniment. Hija tgħid li peress li żewġha kien iddettalha li ma taħdimx hija ma hix intitolata għall-pensjoni kontributorja u għalhekk bilfors għandha bżonn manteniment mingħandu. Xhieda ta' dan hija tippreżenta dokument mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mmarkat bħala **Dok. B**[37].

Tixhed ukoll fil-15 ta' Frar 2022[38] fejn tgħid illi l-konvenut għandu jtiha manteniment sentejn b'lura u tgħid li jkollha tagħmel rapporti l-għassa u tissellef il-flus biex tgħix. In *kontro-eżami* hija tgħid li għand il-*beautician* tmur madwar erba' darbiet f'sena u tista' tagħmel dan għax tissellef il-flus. Hija tgħid li tagħmel xi *facial*, *waxing* u tiżbogħ xagħrha madwar erba' darbiet f'sena. Tagħmel dan daqshekk ftit għax tispjega li m'għandiex biex, għaliex kieku jkollha bżonn tmur kull tliet ġimgħat.

Fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022[39] tippreżenta elenku ta' pagamenti dovuti b'lura, mmarkat bħala **Dok. SM**[40].

---

[36] Fol. 1891.
[37] Fol. 1929.
[38] Fol. 2470.
[39] Fol. 2514.
[40] Fol. 2515.

Hija tippreżenta wkoll żewġ noti b'dokumenti fil-*mori* tal-kawża:

1. *Nota tas-16 ta' Jannar 2020*[41] li biha tippreżenta **Dok A.**[42] – Ċertifikat mediku mil-liema jirriżulta li hi tbati minn *kikuchi disease,* b'konsegwenza ta' liema hija tgħid li ma tistax taħdem; **Dok. B**[43] - Tliet ċertifikati mediċi mil-liema tgħid li jirriżulta li żewġha f'diversi okkażjonijiet ħebb għaliha fiżikament; **Dok C**[44] - Appuntament għad-dentist tal-Gvern u operazzjoni, fi ħdan l-Isptar *Mater Dei stante* li hija m'għandiex mezzi biex tmur privatament.
2. Nota tas-27 ta' Ottubru 2020[45] li biha teżebixxi għadd ta' rapporti kriminali li hija ntavolat fil-konfront tal-attur *stante* li allegatament kien ilu ma jivversa manteniment favuriha sa minn April 2020. Dawn ir-rapporti ġew ppreżentati bħala dokument wieħed immarkat bħala **Dok. CE**.[46]

In *kontro-eżami*[47] fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2022 tgħid illi peress li m'għandiex mezzi hija jkollha tissellef il-flus mingħand binha u mingħand ħuha. Mingħand binha tgħid li tissellef mitt Ewro (€100) fil-ġimgħa *cash* u madwar mitejn Ewro (€200) oħra fix-xahar mingħand ħutha u allura b'kollox tissellef madwar sitt mitt Ewro (€600) fix-xahar. Hija tgħid li għandha tagħti lura lill-gvern u li ilha tħallas dan mill-2006. Mistoqsija tgħid dawn il-flejjes għaliex għandha tagħtihom lura u kinitx għamlet dikjarazzjoni falza hija tgħid li ma taqbilx u tgħid li hija nfurmat lid-Dipartiment illi ma kinitx qed tirċievi manteniment mingħand ir-raġel għaliex għalkemm hija tgħid li beda ma jħallasiex fis-sena 2020 kien hemm xi drabi fejn ma

[41] Fol. 293.
[42] Fol. 294.
[43] Fol. 295.
[44] Fol. 298.
[45] Fol. 1725.
[46] Fol. 1726.
[47] Fol. 2540.

ħallasiex jew ħallasha biss wara ħafna sforzi minn naħa tagħha.

Hija tgħid illi fl-għalqa għandhom madwar għaxar tiġiġiet u tiċħad li għandha dgħajsa. Hija tikkonferma li l-attur kien bena żewġt ikmamar u saqaf bil-permessi meħtieġa fl-għalqa tagħha. Tgħid li ma għandha l-ebda ħsieb li tikriha u li fiha żżomm trakk, *jet ski* u kultant *high up van* tat-tifel biex dan jiffranka l-flus tal-kera. Hija tgħid li fl-għalqa għandha dawl u ilma u l-kontijiet iħallashom it-tifel għaliex dawn qiegħdin fuq ismu. Tgħid li darba kien mar għandha l-attur u qalilha li l-manteniment ser ikollu jnaqqsu biex jakkwista xi ħaġa mill-gvern u li fil-każ jagħtiha minn taħt iżda hi ma aċċettatx u fil-fatt meta beda ma jħallashiex manteniment hi bdiet tagħmillu rapporti l-għassa biex jitressaq Il-Qorti. Meta mistoqsija dwar jekk skont hi l-attur għandux biex jgħix u biex iħallasha manteniment hija tgħid kif ġej:

*"Ma ghandux biex jghix A inixxef il-papocc fuq il-bieba tal-cooker u l-cooker mixghul! Jew jiccargja l-karozza! Issa anke l-karozza tat-tifla qed ticcargja gol-garaxx. Ghax intom tahsbu li ghandu xi garaxx irabbi xi ziemel? Fejn irabbi z-ziemel ghandu garaxx, u issa ghandu vann ukoll, abjad. Xi haga qed jigri Sharon, mhux ma jahdimx. U kollox jista' jqabbad; bil-cameras, u kollox jista' jqabbad. Il-cooker..*
*Le jien ma nqabbadx appliances ghax ma nistax. Imma hu jqabbad il-cooker; it-tumble-dry, il-machine. Kollox iqabbad dak.*

*...*

***Dr Sharon Mizzi Deguara :***
*...inti mort id-dar tieghu, u x' rajt id-dar tieghu?*

***Xhud:***
*Ghax id-dar tieghu hu ridni immur biex intigh kif għandu jaghmilha. Qalli ghax C, qalli jiena ma rridx naqla' hafna trab*

*imma irrid nirranga l-garaxx ghax kien waqalu raf u ried jirrangah. Ghedtlu mela ha nghidlek, ghedtlu tini naqra cans ghedtlu ghax jien minhiex perita.*

***Dr Sharon Mizzi Deguara:***
*Hekk hu. Issa, x' rajt?*

***Xhud:***
*Jahasra gie hemm. Ghedtlu ara, ghedtlu mela ghamel il-madum, jiena, li ma jizloqx, ghedtlu aghmel il-wall panels, ghedtlu u aghmel is-suffetti, ghedtlu u aghmel fejn tinhasel; ghedtlu aghmel kcina u kamra tas-sodda. U ghamel hekk: u kont mort ma' binti nixtrulu l-kamra tal-banju..*

*...*

***Dr Sharon Mizzi Deguara:***
*Issa inti kont qed tghidilna li tlajt id-dar; u x' rajt id-dar? Tumble dryer, x semmejt?*

***Xhud:***
*Eh mela. Il-washing machine, it-tumble dry..; x' ghandu izjed madoffi? Il- kcina hemm cooker iehor. Il-machine hawn, il-cooker hawn, u t-tumble dry gol-bitha mghottija, ghax saqqaf il-bitha u ghandu l-inkwiet mal-girien dak. Mhux suppost saqqaf il-bitha lanqas. U x' ghandu izjed? Iqabbad il-karozzi mal- x'jisimha..., il-camera hawn.. il-computer dawn il-cameras haw. Il-mobile, it-televisions. Il-hadida, gie li ghadda l-hwejjeg qal. Ma rajtekx. Imma qalli gie li ngħaddi l-hwejjegi. Ghedtlu sewwa hu. Ghedtlu qabel ma kont taghmel xejn u issa drajt taghmel kollox... Imma l-kumdita' ta' l-appliances ghandu qieghda.*

***Dr Sharon Mizzi Deguara :***
*All right..”*

Fil-mori tressqu s-segwenti xhieda u dokumentazzjoni minn naħa tal-konvenuta:

i. *Ix-xhieda ta' WPC Sonia Schembri*[48] li jippreżenta fedina penali tal-attur, dokument mmarkat bħala **Dok. SS1**[49] u tliet rapporti magħmulin kontra l-attur, dokument ppreżentat u mmarkat bħala **Dok. SS.**[50]

ii. *Ix-xhieda ta' Dr Alexia Aquilina (Reġistratur tal-Qorti)*[51] li jippreżenta dokument li juri l-atti jew kawżi pendenti jew deċiżi li hemm bejn il-partijiet fil-Qrati Ċivili, dokument mmarkat bħala **Dok. AA**[52] u riċerka dwar xi proċeduri nfetħu mill-attur jew li nfetħu kontra l-attur fil-Qrati Ċivili liem dokument huwa mmarkat bħala **Dok. AA1**[53].

iii. *Ix-xhieda ta' Dr Sonia Consiglio in rappreżentanza tar-Reġistru Pubbliku*[54] li jippreżenta riċerki dwar l-attur (bejgħ u xiri) liem dokument huwa mmarkat bħala **Dok. SC.**[55]

iv. *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*[56] li jippreżenta r-riċerka tiegħu dwar il-vetturi preżenzjalment reġistrati f'isem l-attur, liem dokument huwa mmarkat bħala **Dok. SCC1**[57] u vetturi li fil-passat kienu reġistrati f'isem l-attur liem dokument huwa mmarkat bħala **Dok. SCC2.**[58]

---

48 Seduta tal-14 ta' Frar 2020, a fol. 150.
49 Fol. 162.
50 Fol. 152.
51 Seduta tal-14 ta' Frar 2020, a fol. 150.
52 Fol. 170.
53 Fol. 171.
54 Seduta tal-14 ta' Frar 2020, a fol. 150.
55 Fol. 173.
56 Seduta tal-14 ta' Frar 2020, a fol. 150.
57 Fol. 262.
58 Fol. 271.

v. *Ix-xhieda ta' Marica Scicluna in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei*[59] li jippreżenta l-file mediku tal-konvenuta liem dokument huwa mmarkat bħala **Dok. MS.**[60]

vi. *Ix-xhieda ta' A Theuma in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali*[61] li jippreżenta dokument mmarkat bħala **Dok. ST**[62] li juri l-benefiċċji li ħadet il-konvenuta tul l-aħħar għaxar snin u dokument mmarkat bħala **Dok. ST 1**[63] li juri l-benefiċċji li ħa l-attur tul l-aħħar għaxar snin. Huwa jikkonferma li fil-preżent l-attur jieħu *two thirds pension* u s-supplimentari u mal-pensjoni għandu l-*ispecial bonus* li jieħdu l-ħaddiema f'Marzu u f'Settembru. Huwa jgħid li l-gvern issa qed jagħti il-bonus tas-sitt xhur u l-*cost of living.*

Ir-rappreżentant jerġa' jixhed fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2021[64] fejn jippreżenta rendikont (mmarkat bħala Dok.ST2[65]) ta' kif saru l-applikazzjonijiet minn l-attur u l-kronoloġija ta' kif inħadmu għaliex huwa kien applika biex jgħaddi Board diversi drabi. Mill-2009 kien qed japplika kważi kull sena. Fl-2014 l-applikazzjoni tiegħu ġiet aċċettata għal tliet snin, reveduta fl-2017 għal tliet snin oħra. Madanakollu l-attur għalaq wieħed u sittin (61) sena fl-2018 u għalhekk beda jieħu t-*two thirds pension* għaliex din kienet tammonta għal aktar. Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021 ir-rappreżentant imbagħad jippreżenta d-dokument immarkat bħala **Dok. ST 3**[66] , dokument li juri l-kopji tal-applikazzjonijiet ta' l-invalidità

[59] Seduta tas-17 ta' Settembru 2020, a fol. 319.
[60] Fol. 320.
[61] Seduta tas-27 ta' Ottubru 2020, a fol. 1503.
[62] Fol. 1504.
[63] Fol. 1505.
[64] Fol. 1965.
[65] Fol. 1967.
[66] Fol. 2313.

li għamel l-attur. Fl-2014 intlaqgħet it-talba ta' l-attur għaliex għal bidu t-tobba kienu qed jgħidu li m'għandux kundizzjonijiet li bihom jikkwalifika iżda mbagħad jidher li l-kundizzjoni ta' saħħtu skont huma nbidlet b'mod li kien jikkwalifika.

vii. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*[67] li jippreżenta l-*employment history* tal-attur, dokument mmarkat bħala **Dok. JS**[68] u *registration history* tal-attur, dokument mmarkat bħala **Dok. JS 1**.[69] Huwa jikkonferma li l-aħħar li ħadem l-attur kien fit-2011 u minn hemm beda *"jirreġistra u jaqta', jirreġistra u jaqta', jirreġistra u jaqta"*[70]

viii. *Ix-xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*[71] fejn jixhed illi fl-aħħar għaxar snin l-attur qatt ma kien klijent tal-HSBC.

ix. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*[72] li tixhed li rriżulta li fl-aħħar għaxar snin l-attur kellu tliet kontijiet

a. Kont kurrenti bin-numru 1290 2788 010 li nfetaħ f'Lulju 1992 u għadu attiv (**Dok. JB**[73]**);**
b. Kont *savings* bin-numru 1290 2788 049 li nfetaħ f'Marzu 1994 u ngħalaq f'April 2020 (**Dok. JB1**[74]**);**
c. Kont li jismu *profits emerging markets and commodities deposit in Euro;* bin-numru 4001 5886 554 li nfetaħ fi Frar 2007 u ngħalaq Marzu

---

[67] Seduta tas-27 ta' Ottubru 2020, a fol. 1503.
[68] Fol. 1507.
[69] Fol. 1511.
[70] Fol. 1516.
[71] Seduta tal-10 ta' Novembru 2020, a fol. 1711.
[72] Seduta tal-10 ta' Novembru 2020, a fol. 1711.
[73] Fol. 1547.
[74] Fol. 1518.

2013 (**Dok. JB2[75]).** Ri-prodotta[76] r-rappreżentanta ppreżentat *prospectus* tal-kont, immarkat bħala **Dok. JB 3**[77]**.** Tispjega li l-kont kien 100% guaranteed, 6 *years term deposit*, kien hemm *set up interest on 50% of the deposit* u *potential interest on the remaining 50% linked to the performance of the funds.*

*x.* *Ix-xhieda ta' Bernice Micallef in rappreżentanza ta' Bank of Valletta Fund Services*[78] li tgħid li kien hemm *subscription* waħda f'isem l-attur fl-24 ta' Ottubru 2015 bir-*redemption* fis-7 ta' April 2008 għal ammont ta' elfejn euro, erba' mija u disgħa u tletin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,439.10) u l-bilanċ baqa' żero (dokument immarkat bħala **Dok. BM**[79]). Dan kien investiment mal-*Vilhena Malta Government Bond Fund.*

*xi.* *Ix-xhieda ta' Daniel Sammut in rappreżentanza ta' Bank of Valletta Asset Management*[80] fejn jippreżenta dokument immarkat bħala **Dok. DS**[81] li juri li l-attur ma kellu l-ebda *holdings* ma' *BOV Asset Management.*

*xii.* *Ix-xhieda ta' Nicholas Degiorgio in rappreżentanza ta' Calamatta Cuschieri Finance*[82] li tippreżenta **Dok. A**[83] *portfolio history* tal-attur li juri li bħalissa l-*market value* tal-*instruments* li għandu jammonta għal tliet mija u sebgħa u tmenin Euro (€387). Dawn huma *instrumental* mhux *cash* u minħabba s-sitwazzjoni ta'

---

[75] Fol. 1539.
[76] Seduta tat-12 ta' Jannar 2021, a fol. 1775.
[77] Fol. 1776.
[78] Seduta tat-12 ta' Jannar 2021, a fol. 1775.
[79] Fol. 1782.
[80] Seduta tat-12 ta' Jannar 2021, a fol. 1775.
[81] Fol. 1783.
[82] Seduta tat-12 ta' Jannar 2021, a fol. 1879.
[83] Fol. 1791.

likwidità ma jistgħux jinbiegħu preżentament. Jippreżenta wkoll il-*portfolio history* tal-attur, dokumenti mmarkati bħala **Dok. B**[84] u **Dok. C**[85] li juru *confirmed orders***,** jekk kienx hemm *sale* jew *purchase* u tliet *statements* fil-munita tagħhom (EUR, GBP u USD), dokumenti mmarkati bħala **Dok. D**[86], **Dok. E**[87] u **Dok. F**[88] rispettivament. Dawn id-dokumenti juru l-*movements* f'kull kont rispettiv, fejn kien hemm imgħax, *withdrawal etc*. Id-dokument ippreżentat u mmarkat bħala **Dok. G**[89] imbagħad huwa *income report,* kumpilazzjoni ta' l-imgħax kollu li tħallas mill-bidu. Dan ma jieħux in konsiderazzjoni taxxa u li kien ġie mħallas – dawn jidhru mbagħad fl-*istatements* jiġifieri fl-*istatements* jidher l-imgħax li tħallas, it-taxxa li kien tnaqqas fuq dak l-imgħax, kif ukoll l-*administration tax.*

xiii. *<u>Ix-xhieda ta' Dr Brioni Balza Bartolo (recte Bryony Balzia Bartolo) in rappreżentanza tal-Housing Authority</u>*[90] tixhed li ma nstabet l-ebda reġistrazzjoni ta' kirja fuq isem l-attur.

xiv. *<u>Ix-xhieda ta' Dr Alexia Aquilina in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati</u>*[91] li tippreżenta żewġ dokumenti dwar proċeduri ntavolati minn u jew kontra l-attur; l-ewwel estratt mir-records tal-Qorti mmarkat bħala **Dok. A**[92] u **Dok. B**[93] li jikkonsisti f'kopji legali informali tad-dokumenti msemmija f'Dok. A.

[84] Fol. 1793.
[85] Fol. 1801.
[86] Fol. 1830.
[87] Fol. 1804.
[88] Fol. 1806.
[89] Fol. 1859.
[90] Seduta tal-21 ta' Mejju 2021, a fol. 1965.
[91] Seduta tal-21 ta' Mejju 2021, a fol. 1965.
[92] Fol. 1968.
[93] Fol. 1970.

*xv.* *<u>Ix-xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza ta' l-ARMS</u>* li jixhed li jirriżultaw tliet kontijiet fuq isem l-attur, it-tlieta ġewwa l-Qrendi u jippreżenta d-dettalji relatati ma' dawn il-kontijiet għall-aħħar ħames snin. Huwa jippreżenta s-segwenti dokumenti:

*a.* Elenku tat-tliet kontijiet (fuq Flat 1, Flat 2 u garaxx) fuq isem l-attur, liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 1;**[94]

*b.* Kopja tal-kontijiet tal-aħħar ħames snin ta Flat 1 liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 2;**[95]

*c.* Prospett relattiv ta' Flat 1 liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 3;**[96]

*d.* Estratt tal-prospett li juri l-pagamenti li saru akkont fuq Flat 1 liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 4;**[97]

*e.* Sussidju li qed jingħata fuq Flat 1 f'isem D E B (ID 26286M) (is-sussidju jidher li ilu jingħata mis-26 ta' Marzu 2014 sad-data tal-lum) liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 5;**[98]

*f.* Kopja tal-kontijiet tal-aħħar ħames snin ta Flat 2 liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 6;**[99]

*g.* Prospett relattiv ta' Flat 2 liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 7;**[100]

*h.* Estratt tal-prospett li juri l-pagamenti li saru akkont fuq Flat 2 liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 8;**[101]

*i.* Sussidju li qed jingħata fuq Flat 2 f'isem Mandy B (ID 421780M) (is-sussidju jidher li ilu jingħata mis-

---

[94] Fol. 2091.
[95] Fol. 2092.
[96] Fol. 2147.
[97] Fol. 2150.
[98] Fol. 2152.
[99] Fol. 2154.
[100] Fol. 2216.
[101] Fol. 2220.

26 ta' Marzu 2014 sad-data tal-lum) liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 9;**[102]

*j.* Kopja tal-kontijiet tal-aħħar ħames snin tal-garaxx liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 10;**[103]

*k.* Prospett relattiv tal-garaxx liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 11;**[104]

*l.* Estratt tal-prospett li juri l-pagamenti li saru akkont fuq il-garaxx liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 12;**[105]

*m.* Sussidju li qed jingħata fuq il-garaxx f'isem l-attur (is-sussidju jidher li ilu jingħata mill-14 ta' Mejju 2014 sad-data tal-lum) liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 13;**[106]

Ix-xhud jispjega li s-sussidju jittieħed wara li persuna tmur id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u turihom li għandha kont li qiegħed bir-rata *domestiċi* u żdied bħala *residential.*

Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2021[107] imbagħad, huwa jippreżenta s-segwenti:

*a.* Kopja tal-aħħar kont tal-garaxx, intestat fuq l-attur liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 1;**[108]

*b.* Prospett relattiv tal-garaxx liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 2;**[109]

*c.* Estratt tal-prospett li juri l-pagamenti li saru akkont fuq il-garaxx liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 3;**[110]

*d.* Sussidju li qed jingħata fuq il-garaxx f'isem l-attur (is-sussidju jidher li ilu jingħata mill-14 ta'

---

[102] Fol. 2222.
[103] Fol. 2223.
[104] Fol. 2285.
[105] Fol. 2289.
[106] Fol. 2292.
[107] Fol. 2428.
[108] Fol. 2429.
[109] Fol. 2432.
[110] Fol. 2436.

Mejju 2014 sad-data tal-lum) liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 4;**[111]

*e.* Kopja tal-applikazzjoni li saret għal *new service* (f'dan il-każ għas-servizz tal-ilma) tal-istess garaxx liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 5;**[112]

*f.* Kopja tal-applikazzjoni li saret għal *new service* (f'dan il-każ għas-servizz għall-meter tad-dawl) tal-istess garaxx liem dokument hu mmarkat bħala **Dok RB 6;**[113]

*xvi.* *Ix-xhieda ta' Dr Ray Sacco*[114] fejn jgħid illi huwa ilu tabib sitta u tletin (36) sena u lill-konvenuta jafha minn mindu kienet żgħira għax kien miż-Żurrieq ukoll. Huwa jgħid li jaf lill-familja tal-konvenuta għax kienu pazjenti tiegħu u jiftakar anke lit-tfal tagħhom jitwieldu. Wara li l-konvenuta kienu ntefħulha l-glandoli f'daqqa kienu għamlu investigazzjoni estensiva u rriżulta li kellha l-*Coccus disease* li hija kundizzjoni rari ħafna tant li hawn Malta probabbilment hija l-unika persuna b'din il-kundizzjoni. Bħala kundizzjoni hija waħda li għandha x'taqsam mas-sistema immunitarja u allura hi tkun iktar debboli minn ħaddiehor. Kienet ħadet diversi forom ta' kura.

Isemmi istant, madwar ħmistax-għoxrin sena ilu meta kien sabha *unconscious* u ma bdietx tirrispondi u kien bagħatha l-isptar fejn daħħluha l-ITU. Kienu sabu li t-tfal kellhom ic-*chicken pox* u peress li hi tkun debboli l-mikrobu tac-*chicken pox* kien tela' għal rasha u fjammalha l-moħħ. Ħadet it-trattament u bdiet ġejja għal aħjar. Jgħid li mbagħad meta nqala d-diżgwid fil-familja bdiet tbati minn sintomi ta' dipressjoni u

[111] Fol. 2439.
[112] Fol. 2440.
[113] Fol. 2446.
[114] Seduta tas-27 ta' April 2022, a fol. 2480.

preskrivielha wkoll l-*anti depressants* li qal li ġġibhom b'xejn mill-isptar. Huwa jixhed li llum il-kundizzjoni tagħha mhix qiegħda ħażin iżda hi tibqa' debboli għaliex il-kundizzjoni tagħha hija waħda permanenti. Iktar ma tikber huwa jgħid li l-kundizzjoni tista' taggrava għaliex is-sistema immunitarja tagħha dejjem tkun ta' waħda ikbar fl-età u biex tipprevjeni li tmur għal agħar trid tevita folol, postijiet magħluqin, jekk ikollha riħ titkellem mill-ewwel, tiekol *healthy* etc.

Huwa jixhed li ma hemmx kura għal din il-kundizzjoni iżda tieħu l-mediċini meta tkun muġugħha u meta jkollha bżonn tieħu *steroids*. L-uġigħ tal-għadam li jkollha huwa relatat ma' l-istess kundizzjoni. Huwa jispjega li għalkemm tista' tkun muġugħa kontinwament huma bħala tobba jippruvaw ma jtuhiex ħafna mediċina biex ma ddgħajjifx is-sistema mmunitarja u l-unika mediċina hija biex ittaffi l-uġiegħ. Is-*side effects* ta' din il-mediċina tista' tkun ħruq ta' stonku, pressjoni ogħlja *etc*.

In *kontro-eżami* x-xhud jgħid li l-istanza li daħlet l-ITU kienet *one off.* Madanakollu wieħed ma jistax jgħid tkunx kapaċi taħdem jew le għaliex huwa jispjega li l-konvenuta tista' taqa f'għejja kbira u dan jista' jiġri f'daqqa.

*xvii.* *<u>Ix-xhieda ta' iben il-partijiet D E B permezz ta' affidavit</u>*[115] fejn huwa jispjega illi hu jaħdem għal rasu bħala burdnar. Huwa jgħid li jaf li missieru ma jagħtix manteniment lil ommu u din ikollha tissellef il-flus biex tlaħħaq mal-ħajja filwaqt li missieru jridha tas-sinjur. Huwa jkompli li jara lil missieru jdur bil-*Mercedes* u jgħid li hu jħoss li mhux sew li missieru jgħix hekk u ommu tgħix fil-miżerja.

---

[115] Fol. 2464.

Ikompli li hu u missieru qatt ma kellhom negozju flimkien iżda fis-sena 2018 missieru kien sellfu madwar tlieta u sebgħin elf Ewro (€73,000) li bihom kien xtara makkinarju għan-negozju sabiex ikun jista' jġorr ix-xogħol. Jgħid li meta mar biex iroddlu l-flus lura missieru ried il-makkinarju (li kien jiswa iktar mis-somma mislufa) u mhux il-flus, li jgħid li ma kienx il-patt ta' bejniethom. Jgħid li fuq dan qiegħdin kawża l-Qorti. Hu jkompli li missieru għandu blokka li tikkonsisti f'garaxx u żewġ appartamenti u jgħid li hu kien jgħix f'appartament minnhom, taħt oħtu li jgħid li għadha tgħix hemm sal-lum. Jispjega li l-garaxx li jgħix fih missieru mqassam *b'partitions* u għandu spazju fejn jgħix komdu. Hu jgħid li missieru jżomm flusu għand in-nies bħal ma għamel fil-każ li semma fejn kellu flusu għandu. Huwa jgħid li missieru qatt ma ħalla lil ommu taħdem.

In *kontro-eżami* huwa jikkonferma li jsellef mitt Ewro fil-ġimgħa lil ommu biex tgħix u li ilu jagħmel dan għal madwar sentejn, tlieta. Huwa jgħid li ommu tgħidlu li ser troddhomlu lura meta missieru jħallas il-manteniment lil ommu. Huwa jgħid li issa qiegħed fi kwistjoni ma' missieru l-Qorti u ma jitkellmux. Jgħid li dan ilu ċirka mill-2018. Jgħid li missieru qatt ma ġie bżonnu finanzjarjament anzi kien missieru li dejjem sellef il-flus lilu. Jgħid li ġieli żamm flus lil missieru biex ma jidhrux li qiegħdin fuq ismu. Jikkonferma illi hu jżomm l-inġenji fl-għalqa t'ommu u ma jħallashiex flus ta' dan. Ikompli jwieġeb li apparti t-trakk u l-*jetski* m'għandu xejn fl-għalqa t'ommu.

xviii. *<u>Ix-xhieda ta' oħt il-konvenuta F G permezz ta' affidavit</u>*[116] tgħid li hi taf li dawn l-aħħar sentejn oħtha ma kinitx qed tirċievi manteniment minn l-attur u kienet qed tkun imdejjqa ħafna. Tgħid li tul il-ħajja

[116] Fol. 2532.

miżżewġa l-attur ma kienx jaqbel li l-konvenuta toħroġ taħdem għax riedha tibqa' d-dar tieħu ħsieb il-familja. Hija tgħid li meta tara lil oħtha f'dan l-istat ġieli tħallsilha xi affarijiet li jkollha bżonn bħal trattament ta' *waxing* għand il-*beautician* jew *hairdresser* u li kieku ma tħallsilhiex dawn it-trattamenti hi, oħtha ma tmurx f'dawn il-postijiet. Hija tispjega li minn mindu ilu l-attur ma jħallasha manteniment jekk marret erbgħa (4) darbiet tagħmel *waxing* jew xagħrha u dejjem ħallsitilha hi. Ix-xhud tikkonferma wkoll li iben il-partijiet isellef il-flus lill-konvenuta wkoll. Hija tgħid ukoll li tgħin lil oħtha sabiex tixtri l-mediċini ta' kuljum li ma jiswewx ħafna iżda li oħtha ma tistax tixtrihom. In *kontro-eżami* tikkonferma li kienet ilha tgħin lil oħtha biex din tmur tiżbogħ xagħrha għal madwar l-aħħar sentejn.

## 3. Prinċipji Legali:

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra tgħaddi sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għall-każ viġenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' varjazzjoni ta' kuntratt kif qed jintalab f'din il-vertenza.

Artikolu 992 tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi."*

Tgħid fil-fatt il-Qorti fil-kawża **ABC vs DE**[117] li *"In tema legali jingħad illi una volta t-talba in diżamina tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-punto di partenza*

[117] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-7 ta' Lulju 2020 (Rik. Nru. 203/15AL).

*għandha tkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet, huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt u għandu japplika l-prinċipju legali pacta sunt servanda."*

Tali prinċipju huwa filfatt inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992, hawn fuq ċitat.

Tkompli l-istess Qorti u tgħid illi "*Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volontà tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali. Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi riżolt bis-sempliċi volontà unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teziġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess."*

Ta' min iżid ukoll illi Artikolu 1002 tal-Kap 16 jgħid kif ġej fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratti:

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni"*

Tgħid fil-fatt il-Qorti fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **General Cleaners Limited vs Accountant General et**[118] *"Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata – pacta sunt servanda."*

Jingħad iżda f'Artikolu 21 tal-Kap 16 illi:

*"(1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ."*

118 Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru 2001.

U Artikolu 54 tal-Kap 16:

*"(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ."*

F'dan il-kuntest, il-ġurisprudenza nostrana ssegwi prinċipji ennunċjati fil-kawża **Alfred G vs Eine G pro et noe**[119]: *"Illi l-pozizzjoni legali kif abbraccjata mill-gurisprudenza interpretattiva hija li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu ukoll jghodd firmament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw pozizzjoni rigida, anzi wahda riflessibbli, meta rinfaccati b'talbiet ghar-revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certu cirkostanzi li gew kwalifikati bhala* ***ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur, li gabuh fl-impossibilita' li jhallas ir-retta alimentari****, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghall-varjazzjoni. F'kaz ta' manteniment pattwit wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."*

Il-Qorti għandha quddiemha hawnhekk kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, li qiegħed jirregola numru ta' kwistjonijiet iżda ma hemmx il-kunsens taż-żewġ partijiet sabiex issir il-varjazzjoni hekk kif mitluba mill-attur. Għaldaqstant irid jiġi ezaminat jekk hemmx raġunijiet magħrufin mil-liġi li jistgħu jwasslu għall-varjazzjoni mitluba.

---

[119] Deċiża mill-Appell Superjuri fis-16 ta' April 2004 (Appell Nru. 2479/96).

Fl-istess kawża **Alfred G vs Eine G pro et noe** ġie ritenut illi "*Kif imfisser mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **V. Camilleri pro et noe vs M. F. A. Kareem** deciza fit-2 ta' Novembru, 1994 id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili ma japplikawx ghall-manteniment pattwit bejn il-partijiet, b'mod li jibqa' jregi l-principju stabbilit fl-artikolu 992 tal-Kodici Civili li kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mill-Ligi." Fl-istess sentenza il-Qorti applikat il-principju "nemo ad impossibilia tenetur" li wiehed isib ukoll fl-artikolu 985 tal-Kap 16.*

*Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **M. Vella v M. Vella** tal- 11 ta' Jannar, 1996 irriteniet li:- Huwa minnu li "ad impossibilia nemo tenetur". Dan pero' biss **f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-"impossibilita'" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt.** Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "ex contractu", in kwantu tezisti l-possibilita' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) tal-Att XXI tal-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi Pacta Sunt Servanda. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit ex contractu, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta*

*alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir-raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet:* ***Victoria Camilleri - vs - Mohammed Farag Abdul Kareem****, deciza fit-2 ta' Novembru, 1994, 18 htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli".*

Il-Qorti tal-Appell, fl-istess kawża, kompliet billi qalet illi: *"Il-Qorti ezaminat din il-parti ta' l-aggravju u fil-fehma taghha dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti huwa sostanzjalment korrett. Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn. Jekk dan kollu ma fehmux illegali ta' l-attur, l-attur jidher li kien konsapevoli ghall-ahhar tieghu"*.

L-istess fil-każ fl-ismijiet **A Galea vs Carmela Galea**[120] l-istess Qorti tal-Appell, għall-darb' oħra rretiniet dwar kwistjonijiet ta' manteniment illi: *"fir-rigward tal-manteniment illi jkun gie miftiehem bejn il-mizzewgin permezz ta' kuntratt f'separazzjoni konsenswali, il-Qrati taghna sa minn zmien Sir Adriano Dingli (Vol 9 pagna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jigi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt gie konfermat diversi drabi anke per esempju taht il-presidenza ta' Sir Arturo Mercieca fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi l-legislatur ried jaghti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet ... … … il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tigi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm opposizjoni minn wahda mill-partijet (Vol 29.1.1121). Il-Qorti ma thossx li ghanda tissofferma iktar fuq dan il-punt fit-tul u taghmel biss riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Alfred G v. Eine G*** *deciza fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni giet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti filwaqt li ikkoncediet li l-pozizzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward ma baqghetx daqshekk rigida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni ghal wiehed impost mill-Qorti. (sottolinejar ta' din il-Qorti) Minn din is-sentenza allura johrog li huwa minnu li kien hemm kazi fejn il-qrati ezentaw lill-parti li kienet obligat ruhha li thallas il-manteniment miftiehem permezz ta' kuntratt, izda dan biss f'kazi fejn dik il-persuna kienet giet fl-impossibilita` li tkompli thallas dak l-ammont u mhux f'diffikulta` li tibqa' taghmel hekk. Il-Qorti trid allura tinvestiga jekk il-bdil tac-cirkostanzi kienx tali li wassal ghal din l-impossibbilita' (…)".*

Għaldaqstant jidher biċ-ċar kemm mill-Liġi nostrana u anke mill-ġurisprudenza li żviluppat matul is-snin f'dan ir-rigward illi fir-rigward ta' separazzjoni *ex contractu*, klawżoli kuntrattwali xorta jistgħu jiġu varjati iżda dan f'każ biss li tiġi stabbilità u

[120] Qorti tal-Appell (Superjuri) deċiża fid-29 ta' Jannar 2016.

ppruvata li l-persuna li titlob il-varjazzjoni sfat fl-impossibilità kważi imprevidibbli, u mhux sempliċiment diffikultà, li tkompli tħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet fil-kuntratt iffirmat minnhom.

**4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legal għall-Kaz Odjern**

Għaldaqstant hawnhekk il-Qorti trid tagħmel eżami taċ-ċirkostanzi li l-attur jallega li nbidlu minn wara l-kuntratt ta' separazzjoni u tara jekk dan it-tibdil kienx tant drastiku, reali, gravi u inevitabbli li jagħmilha impossibbli għal l-attur li jkompli jonera l-obbligu tiegħu tal-manteniment fit-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat mill-partijiet.

Għal kull *buon fini*, il-Qorti tara idoneju li tissottolineja illi permezz tal-kawża odjerna, l-attur bl-ebda mod ma qiegħed jattakka l-validità tal-kuntratt *in kwistjoni*, tant li l-attur imkien ma jallega illi l-kunsens tiegħu kien vizzjat, u lanqas ma talab ir-rexxissjoni tal-ftehim innifsu. Għaldaqstant ġialadarba l-validità tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet ma hiex attakkata jeħtieg li t-talbiet prinċipali tal-attur jiġu evalwati fid-dawl tat-termini stretti tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Ili fil-fatt il-kawża stess ta' l-attur hija bbażata fuq il-validità ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni tant li qed jitlob varjazzjoni ta' l-istess u b'hekk bil-kawża odjerna stess huwa qed jirrikonoxxi u jaċċetta li l-istess kuntratt għadu viġenti.

Fl-istess kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet ma jinkludu l-ebda klawżola li tkopri sitwazzjonijiet fejn iċ-ċirkostanzi tal-partijiet jinbidlu u għalhekk l-attur ikun jista' jitlob li l-manteniment jiġi mwaqqaf jew ridott bħal per eżempju jekk jisfa bla xogħol jew jekk martu ssib xogħol jew meta jkun bil-pensjoni.  Għalhekk jidher biċ-ċar li l-kunsens tal-partijiet li jidħlu f'dak il-kuntratt u għalhekk l-intenzjoni tal-partijiet f'dak il-mument, kien li dan il-manteniment jibqa' jitħallas f'kull eventwalità.  Għalhekk u *in vista* li ma kienx hemm qbil, fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt u lanqas issa fil-kawża odjerna, bejn il-partijiet dwar il-waqfien

jew ir-riduzzjoni tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta, u fin-nuqqas ukoll ta' ċirkostanzi speċifiċi fil-kuntratt ta' separazzjoni, tali sitwazzjoni ġiet imqiegħda għall-ġudizzju tal-Qorti, fejn din tal-aħħar sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha għandha tapplika l-prinċipji legali kif mgħallem mill-ġurisprudenza nostrana.

Fiż-żmien meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur kien kuntent li jobbliga ruħu li jħallas manteniment għal martu, għal ħajtu u f'kull ċirkostanza li jista' jiġi fiha. Ir-raġuni għala aċċetta li jagħmel dan setgħet kienet diversa - setgħet kienet għaliex kien jaf li hu qatt ma xtaq lill-konvenuta toħroġ taħdem[121] u għalhekk ma għandhiex mezzi, jew minħabba li kien jaf li ftit tista' taħdem bil-kundizzjoni li kellha li kif jixhed it-tabib kienet kundizzjoni li kienet ilha teżisti miż-żwieġ u għalhekk minn qabel il-kuntratt ta' separazzjoni.[122] Madanakollu mhux ta' importanza li wieħed isib ir-raġuni speċifika il-għaliex il-partijiet waslu għat-tali ftehim. Jibqa' biss il-fatt li l-partijiet ma kkwalifikaw bl-ebda mod tali dritt ta' manteniment u għalhekk wieħed għandu jippreżumi li ladarba kien hemm ftehim bonarju, l-partijiet ftehmu fl-aħjar interess tagħhom u wara li ħadu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom.

Għandu għalhekk l-attur, f'dan il-mument, l-oneru li jipprova li issa kien hemm bdil tant drastiku u imprevedibbli li qiegħed f'impossibiltà (u mhux biss f'diffikultà) li jħallas tali manteniment miftiehem lill-konvenuta. Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Marlene Camilleri**[123] l-attur *"...għandu l-oneru li jipprova l-impossibilità da parti tiegħu li jkompli jeżegwixxi l-obbligu kontrattwali; impossibilità din, derivanti minn ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali, indipendenti mill-volontà tal-attur; u huwa biss f'każ li hu jirnexxi f'din il-prova li sussegwentement isir l-eżami għar-reviżjoni".*

[121] Fatt li xehditu iktar minn darba l-konvenuta kif ukoll oħt il-partijiet (a fol. 2532), iben il-partijiet a fol. 2464 u fatt li ma ċaħadtx l-attur.
[122] Xhieda tat-tabib Dr Ray Sacco a fol. 2481.
[123] Deċiża nhar it-3 ta' Frar, 2012 (Appell Nru. 7/2007/1).

Għalhekk jidher ċar li l-prinċipju relatat mal-*pacta sunt servanda* għandu japplika bħala prinċipju legali li jorbot il-partijiet u jkun biss f'każijiet speċjali u estremi li jkun hemm lok għal bdil f'dak li ġie bonarjament pattwit. F'dan il-każ kif jirriżulta mix-xhieda tal-*Jobs Plus* l-aħħar li ħadem l-attur kien fl-2011 u minn hemm beda *"jirreġistra u jaqta', jirreġistra u jaqta', jirreġistra u jaqta"*[124] Fl-2009[125] huwa beda jintavola l-applikazzjonijiet biex jipprova jgħaddi Board Mediku, iżda kien biss fl-2014, fis-sena li kien ser jagħlaq ħamsa u sebgħin (57) sena li l-Board aċċettalu l-applikazzjoni tiegħu u ddikjarah *unfit for work* u beda jingħata l-*invalidity pension.* Erba' snin wara, fl-2018 imbagħad, meta għalaq il-wieħed u sittin (61) sena l-*invalidity pension* waqfet għaliex beda jingħata t-*two thirds pension* li kienet ogħla mill-*invalidity pension.*[126]

L-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt illi ċ-ċirkostanzi tbiddlu u huwa kellu jieqaf jaħdem iżda mill-provi irriżulta li beda jipprova joħroġ il-fatt illi l-konvenuta għandha l-mezzi biex tgħix komda u tista' tapplika għall-benefiċċji mingħand il-gvern.

Jingħad fil-premess illi dak li għandha u m'għandiex il-konvenuta huwa għal kollox irrelevanti u ma jistax wieħed jieħdu in konsiderazzjoni meta qed jevalwa għandux l-attur jieqaf iħallas manteniment lill-konvenuta. Hija biss id-diffikultà jew l-impossibiltà li huwa jħallas li trid tiġi evalwata. Dan iktar u iktar meta mill-provi miġjuba ma jidhirx li ċ-ċirkostanzi tal-konvenuta nbiddlu mill-kuntratt ta' separazzjoni – l-attur kien jaf li l-konvenuta qatt ma ħadmet u għalhekk iktar ma jgħaddi żmien iktar tkun diffiċli li toħroġ taħdem, l-attur kien jaf illi hija tbati mill-*Kikuchi disease* li hija kundizzjoni permanenti u li maż-żmien din il-kundizzjoni tista' taggrava għaliex kif jixhed it-tabib Dr Ray Sacco "*Ehe, l-aghar li jista' jigri l-ewwel xoghol*

[124] Fol. 1516.
[125] Dokument ppreżentat mir-rappreżentant tas-Sigurtà- Soċjali a fol. 1967.
[126] Xhieda tar-rappreżentant tas-Sigurtà Soċjali a fol. 2425.

*iktar kemm nikbru fl-eta' l-immune system taghna u ta' kulhadd tiddghajjef. Ok? Jigiferi .., jien naf?, wiehed xih ta' 90 sena, rih li s-soltu lilna ma jaghmlilna xejn u ma niehdu xejn, hu jista' jaqbdu l-ammonia u jista' jibqa' sejjer, tajjeb? Lil C l-aghar li jista' jigrilha hija li l-immune system taghha tibqa' tiddghajjef izjed minn ta' hadd iehor. So at the age of 70, Katy ikollha l-immune taghha ta' wahda ta' 80, qed tifhimni?",* u kien jaf x'assi għandha u x'tista' tagħmel b'dawn l-assi. Konxju ta' dan kollu, huwa kkuntratta sabiex jgħaddi din ir-retta alimentari lil martu. Għalhekk ma jistax issa l-attur juża dawn il-fatturi li ma kienu xejn differenti fil-mument tal-kuntratt ta' separazzjoni biex jgħid li hija tista' tmanti lilha nnifisha.

Kif jingħad fil-kawża fl-ismijiet **AL A G C -vs- B D**[127] "*Wara kollox irid jiġi rilevat li din il-kawża hi bbażata fuq il-premessa li l-attur m'għandux mezzi biex iħallas il-manteniment relattiv. Għalhekk il-provi kollha mressqa dwar l-assi u l-qliegħ tal-istess intimata wara s-separazzjoni m'għandhom ebda piż fuq l-istess mertu tal-kawża għaliex dak li jrid jiġi deċiż hu jekk l-attur għandux bażi biex legalment iwaqqaf il-manteniment tal-intimata jew le u f'każ t'eżitu negattiv jekk għandux bażi legali sabiex inaqqas tali manteniment. Jekk l-intimata għandhiex mezzi jew le m'huwiex rilevanti u dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li sostniet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Marlene Camilleri deċiża nhar it-3 ta' Frar, 2012[128]"*

Huwa rrelevanti l-għalqa proprjetà tal-konvenuta tistax tinkera jew tistax tintuża sabiex tagħmel il-qliegħ minnha[129] u huwa iktar irrelevanti illi hija tista' tieħu benefiċċji mill-gvern[130]. Il-konvenuta ma ddekadietx mid-drittijiet taghha u l-obbligu prinċipali li jingħata l-manteniment huwa tar-raġel u mhux tal-gvern (l-liġi ċivili timponi fuq l-konjuġi l-obbligu li jipprovdu

---

[127] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Marzu 2022 (Rik. Ġur. 110/2013AL).
[128] Appell Ċivili Nru. 7/2007/1.
[129] Referenza għas-seduta tas-7 ta' Diċembru 2022 quddiem l-Asst. Ġud. Dr Maria Dolores Gauci, a fol. 2540.
[130] Seduta tas-27 ta' Marzu, a fol. 61.

manteniment reċiproku lil xulxin), apparti li kif diġà ngħad dawn kienu fatti ġja preżenti fil-mument meta ftehmu li jingħata dan il-manteniment.

Jingħad fil-fatt fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Camilleri vs Frances Camilleri**[131] *"illi dan ifisser li l-partijiet ikkontrattaw li tali manteniment li kellu jhallas l-attur versu l-konvenuta kien indipendenti mill-introjtu li seta' kellha, jew seta' jkollha l-konvenuta. u ghalhekk in vista tal-principju "pacta sunt servanda" t-talba attrici sabiex l-attur ma jibqax obbligat li jhallas tali manteniment hekk minnu patwit ma tistax tigi milqugha, peress li jidher car li r-rata ta' manteniment stabbilita kienet indipendenti minn kull introjtu li seta' jkollha l-istess konvenuta. Illi fil-fatt fl-istess kuntratt ma hemm ebda dispozizzjoni li taghti dritt lill-attur sabiex jieqaf ihallas il-manteniment minnu accettat minhabba l-introjtu tal-konvenuta; kieku kien hemm tali ftehim jew inkella kieku l-attur kif qed jippretendi llum zamm id-dritt li tali manteniment jigi ridott jew imnehhi jekk il-konvenuta jkollha xi mpjieg, certament li kienet tigi nserita fl-istess kuntratt stipulazzjoni f'dak is-sens. ladarba din hija mankanti, il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici fuq din il-bazi m'ghandhiex tigi milqugha stante li l-kuntratt iffirmat miz-zewg partijiet huwa ligi ghall-istess partijiet u ghandu hekk jigi osservat minnhom."*

Jirriżulta li l-attur qiegħed jipperċepixxi[132] l-pensjoni mingħand il-gvern, *cost of living bonus*, *special weekly bonus*, *six monthly bonus* u *supplementary allowance* u sussidju fuq id-dawl u ilma[133] fuq il-garaxx li fih jirrisjedi. Il-fatt li l-introjtu tiegħu ġej biss mill-pensjoni ma kienx fatt imprevedibbli għaliex kulħadd jaf li biż-żmien ser jasal għal dik l-età, iżda minkejja dan xorta kkuntratta kif għamel dwar il-manteniment li jrid iħallas lill-konvenuta u ma kkwalifikax dan bl-ebda kundizzjoni. L-istess dwar il-mod kif ogħla l-manteniment

---

[131] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-12 ta' Frar 2004, (Ċit Nru. 1333/2002RCP).
[132] Rendikont tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali a fol. 1505.
[133] Fol. 2439.

maż-żmien. L-attur donnu sorpriż bl-awment iżda dan kien ammont u kundizzjonijiet li kkuntratta għalihom hu stess.

Wieħed irid ikun ferm attent dwar dak li jvarja mill-kuntratt għaliex il-kuntratt huwa dokument wieħed sħiħ u l-ftehim għalhekk ma jistax jittieħed separatament mill-bqija ta' dak mifthiem fil-kuntratt. Biex wieħed jagħti eżempju, l-ammont mifthiem seta' kien marbut ma' dak li ser jieħdu l-partijiet fil-qsim tal-assi per eżempju u għalhekk il-qasma setgħet ma kinitx tkun bl-istess mod li kieku l-manteniment kien differenti. Wieħed ma jistax jaqbad u jiddeċiedi li jvarja jekk l-elementi kienu preżenti anke fil-mument fejn wieħed iddeċieda fuq din il-materja.

L-assi tal-konvenut jirriżulta illi jikkonsistu f'żewġ karozzi; *Mercedes* tas-sena 2003 li għandha tmintax-il (18) sena u karozza tad-ditta *Peugeot* li kien ilu li xtraha tletin (30) sena, blokka li tikkonsisti f'żewġ appartamenti sovrastanti garaxx li fih jirrisjedi l-attur u l-assi li huwa għandu mal-Bank BOV. Jissemmew ukoll żwiemel iżda l-konvenut jiċħad li dawn huma tiegħu u ma jirriżultawx iktar provi dwar dan. Jirriżulta wkoll illi kellu investimenti ma' *Calamatta Cuschieri* u d-dħul minn dawn l-investimenti bejn is-sena 2006 u 2020 kien jammonta għal mija u tlieta u għoxrin elf disa' mija sitta u disgħin Ewro (€123, 996).

L-attur jixhed illi huwa kien ħareġ dawn il-flejjes biex jagħmel proġett mat-tifel, liema proġett iżda ma rnexxiex għaliex hu u t-tifel daħlu fi kwistjoni bejniethom. Huwa fil-fatt kellu biżżejjed assi biex sellef lit-tifel il-fuq min sebgħin elf Ewro (€70,000) fis-sena 2018 fis-sena li diġà kien ilu erba' snin li għadda Board Mediku u għalhekk kien ilu ma jistax jaħdem. It-tifel tal-partijiet jixhed ukoll illi missieru kif għamel miegħu jħobb iħalli l-flus għand in-nies għalkemm dwar dan ma jirriżultawx aktar provi. Jgħid li missieru qatt ma ġie bżonnu finanzjarjament anzi kien missieru li dejjem sellfu l-flus u hu jroddomlu lura. Jgħid li ġieli żamm flus lil missieru biex ma jidhrux li qiegħdin fuq ismu.

Jirriżulta wkoll illi apparti l-*current u s-savings accounts* li kellu l-attur mal-Bank BOV, kellu wkoll investiment ieħor f'forma ta' *Emerging markets and commodities deposit* li ngħalaq fl-2013 u minnu nġibdu l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75).

Iż-żewġ appartamenti proprjetà tal-attur jintużaw mit-tfal tal-partijiet. Illum it-tfal tal-partijiet ma humiex minuri u jidher li għandhom il-ħajja tagħhom. Il-konvenut kien konxju tal-obbligi kuntrattwali u għalhekk il-mod kif juża flusu u l-assi tiegħu kellu u għandu jkun b'mod li jieħu in konsiderazzjoni dawn l-obbligi. Ma jistax iġib lilu nnifsu f'sitwazzjoni allegatament prekarja u mbagħad jgħid li ma jistax iħallas manteniment għaliex inbiddlu ċ-ċirkostanzi. Huwa veru li fl-2014, il-Board Mediku ddikjara li huwa *unfit for work* madanakollu kellu biżżejjed assi biex jekk jużahom sewwa jkollu dħul kontinwu. Seta' faċilment jew jillikwida l-assi jew jikri l-appartamenti sabiex ikollu dħul kontinwu minnhom. Huwa veru li hemm it-tfal tiegħu jgħixu hemm iżda jekk ġie f'sitwazzjoni fejn l-introjtu tiegħu huwa mill-benefiċċji soċjali, u issa mill-pensjoni mela t-tfal ma jistgħux jibqgħu jgħixu fil-proprjetà tiegħu (preżumibilment mingħajr ħlas) issa li huma maġġorenni u l-obbligu kuntrattwali jiġu traskurati. Jista' jew jikri l-proprjetà lit-tfal tiegħu stess jew lil terzi, jew ibiegħhom. L-istess dwar l-investimenti li rriżulta li kienu f'ammont sostanzjali u għalhekk setgħu jintużaw tajjeb biex huwa jrendi iktar qliegħ minnhom. Alternattivament seta' jirrisjedi f'wieħed mill-postijiet u jikri l-garaxx. L-għażliet li għamel mas-snin u li għadu qed jagħmel ma jistgħux jintużaw biex il-konvenuta tiġi mċaħħda minn dak li b'kuntratt ftehmu fuqu l-partijiet.

Kif jingħad fil-kawża fl-ismijiet **A G C -vs- B D**[134] "*L-esponenti umilment tirrileva li lanqas ma jeżistu l-elementi estremi li jagħtu lok għal bdil tal-kuntratt ta' separazzjoni għaliex se mai*

[134] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Marzu 2022, (Rik. Ġur. Nru. 110/2013AL).

*il-bdil fiċ-ċirkustanzi allegati huma fil-maġġor parti tagħhom tibdiliet li għamel l-attur b'mod konxju u b'deċiżjoni tiegħu stess. Ma ġiet imposta lilu l-ebda deċiżjoni li per eżempju jitrasferixxi l-yacht fuq Penelope Tabone u ma ġiet imposta lilu l-ebda deċiżjoni li per eżempju jneżża' lilu nnifsu mis-sehem li kellu fil-kumpaniji. Ir-raġunijiet li jagħti r-rikorrent fil-każ odjern huma biss raġunijiet li fl-umli opinjoni tal-esponenti jew setgħu faċilment ġew inklużi fil-kuntratt ta' separazzjoni meta ġie ffirmat u konkluż bejniethom (jekk verament hekk riedu – pero' l-kuntratt ta' separazzjoni ma jwassalx għal tali konklużjoni) jew huma raġunijiet li l-attur stess ħa u attwa u konsegwentement irid jerfa' r-responsabbilita' għalihom hu personalment u mhux l-intimata martu."*

Jidher illi mill-introjtu huwa diffiċli li jitħallas il-manteniment, iżda meta wieħed iħares lejn is-sitwazzjoni finanzjarja kompleta tal-attur ċertament wieħed ma jistax jgħid li l-attur qiegħed f'impossibiltà li jħallas. Il-provi jindikaw li s-sitwazzjoni tiegħu ċertament mhix waħda prekarja.

Kif diġà ngħad għalhekk japplika hawn dak li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-isimijiet **Vella vs Vella** tal-11 ta' Jannar 1996 li rriteniet li: *"Huwa minnu li 'ad impossibilia nemo tenetur'. Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-'impossibbilta' fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege', jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak 'ex contractu', in kwantu tezisti l- possibbilta' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi*

*fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) ta' l-Att XXI ta' l-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi 'Pacta Sunt Servanda'. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit 'ex contractu', il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi.*

Illi għalhekk, mill-provi kollha prodotti u fil-fehma umli ta' din il-Qorti, l-attur ma rnexxilux juri li għandu bażi legali sabiex jegħleb l-ostakolu li jiġi applikat il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u fuq kollox ma rnexxilux juri sal-grad rikjest mil-liġi li hemm ċirkustanzi straordinarji ta' impossibiltà, li jistgħu jagħtu lok għal xi forma ta' tibdil fil-klawżoli tal-manteniment li jirriżultaw mill-Kuntratt ta' separazzjoni ffirmat mill-partijiet fit-8 ta' Ottubru 1999.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom ikunu *a karigu* ta' l-attur.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur